**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru: 241/2013 MLF**

**Reuben Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Arte Graphic Designs Studios***

**vs**

**Duncan Fenech f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Private Gentlemen's Club***

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Private Gentlemen's Club* sabiex ihallas is-somma ta' hamest elef u erba' ewro u wiehed u sittin centezmu (€5,004.61) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti u servizzi provduti mill-attur u konsenjati lill-konvenut fuq inkarigu tal-istess konvenut u dana skond ma jirrizulta mill-*istatement* tal-kont mahrug mir-rikorrenti, liema *statement* datat sittax (16) t'Awissu elfejn u tnax (2012) hawn anness u mmarkat bhala Dokument "RA1".

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi huwa baqa' inadempjenti u ma affettwax tali hlas dovut u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali datata disgha (9) ta' Ottubru elfejn u tnax (2012) annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala Dokument "RA2", tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) bin-numru 2837/12 annessa u mmarkata bhala Dokument "RA3", tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra legali sad-data tal-eventwali hlas, ilkoll kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut propio et nomine fejn eccepixxa:

   i. Illi preliminarjament, mhux il-legittimu kuntradittur *stante* li m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-eccipjent u r-rikorrent, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

   ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jipprova illi l-prodotti u servizzi li ssir referenza ghalihom fir-rikors promotur gew fil-fatt ordnati mill-eccipjent.

   iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jipprova illi l-prodotti u servizzi gew ikkonsenjati lill-eccipjent.

   iv. Illi t-talba tar-rikorrent hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur kien jigi nkarigat mill-konvenut Duncan Fenech sabiex jaghmel xoghol ta' *graphic designing* u *printing* ghal materjal relatat mal-*Private Gentlemen's Club*, f'Paceville. Ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut tmur lura diversi snin meta l-konvenut fil-kwalita' tieghu ta' direttur fi hdan socjetajiet li jiggestixxu *clubs* ohra tal-istess generu gewwa Paceville, kien jaghmel ordnijiet minghand l-attur ghal dawn il-*clubs*.[1]

ii. L-attur xehed li l-materjal li tieghu qieghed jitlob il-hlas kien jigi kkonsenjat mill-attur stess, jew mill-haddiem tieghu Dennis Farrugia, gewwa l-*Private Gentlemen's Club* f'Paceville, u dan billi fil-maggoranza tad-drabi il-materjal kien jigi kkonsenajt direttament lill-konvenut. Spjega li f'dawk il-ftit okkazzjonijiet meta l-konvenut ma kienx ikun prezenti, il-materjal kien jithalla mal-impjegati tal-istess *club* u li qabel ma jaghmel hekk huwa kien icempel lill-konvenut u jinformah b'dan. L-attur qal li ghalhekk huwa ma kienx jitlob li tigi ffirmata *delivery note*.[2]

iii. L-attur kompla jispjega li x-xoghol kien jigi ordnat mill-konvenut jew permezz tal-*email* jew inkella billi l-konvenut kien imur fl-ufficju tieghu u flimkien kienu jippreparaw il-grafika u jiddeciedu li jmexxu bl-ordni. Qal li l-konvenut dejjem kien jghidlu li l-*Private Gentlemen's Club* kien tieghu u li matul l-andament ta' dawn ix-xogholijiet il-konvenut kien ghamel tlett pagamenti ghal total ta' €4,000. Qal li meta kien beda jcempel lill-konvenut biex ihallsu l-bilanc, fil-bidu l-konvenut beda jghidlu biex jaghtih ftit zmien izda sussegwentement il-konvenut kien beda jinjorah.[3]

iv. Il-konvenut xehed li fil-kwalita' personali tieghu, huwa qatt ma ordna xoghol minghand l-attur, izda l-ordnijiet li huwa ghamel kienu dejjem ghan-nom tas-

[1] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 113 tal-process.
[2] Ara x-xhieda tal-attur in ezami a *fol.* 26 tal-process u in kontro-ezami a fol. 73 u fol.95 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-attur in kontro-ezami a *fol.* 80 tal-process.

socjeta' li tkun qeghda tiggestixxi dak il-club partikolari. Ghal dak li jirrigwarda l-*Private Gentlemen's Club,* il-konvenut spjega li kien iddecieda li ma jibqax jaghmel ordnijiet minghand l-attur peress li l-attur kien mghobbi hafna bix-xoghol u ma kienx dejjem jirnexxielu jlesti x-xoghol li kien jitolbu fil-hin. Qal li x-xoghol kien jigi kkonsenjat tard mill-attur u b'hekk il-materjal ma jkunx jista' jigi utilizzat ghall-iskop ta' promozzjoni li ghalih kien ikun intiz. Xehed li madwar sena u nofs wara, l-attur bghatlu kont li jifforma l-mertu ta' din il-kawza. Il-konvenut spjega li dan il-kont ma kienx thallas stante li kien hemm xoghol fil-kont li qatt ma kien ordnat u xoghol iehor li ma setax jivverifika jekk qattx gie ikkonsenjat jew le.[4] Ghal dak li jirrigwarda l-materjal esebit mill-attur f'din il-kawza, il-konvenut xehed li l-flus imsejjah *funny money* ma kienux gew ordnati minnu stante li dawn ma ghandhomx *logo* li jindikaw li huma tal-*Private Gentelman's Club* u l-materjal uzat ma kienx bhal dak li gie ordnat minnu ghal dan il-*club*.[5]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

<u>*L-Ewwel Eccezzjoni – li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur*</u>

6. Fl-ewwel lok, l-konvenut jeccepixxi li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur, stante illi ma hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejnu u bejn l-attur. Fix-xhieda tieghu l-konvenut jghid li l-ordnijiet huwa dejjem ghamilhom bhala rapprezentant tas-socjeta' li tiggestixxi l-*Private Gentlemen's Club* u mhux f'ismu propju, u li ghalhekk il-prodotti u servizzi gew rezi a favur ta' l-istess socjeta' u mhux a favur tal-konvenut personalment.

7. Hija gurisprudenza kostanti in materja li l-konvenut li jissoleva din l-eccezzjoni ikun jehtieglu jipproduci provi konklussivi in sostenn tal-linja difensjonali tieghu, u dan billi b'mod definittiv jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghan-nom ta' socjeta', imma wkoll

[4] Ara x-xhieda ta' Duncan Fenech a *fol.* 66 u fol. 113 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Duncan Fenech a *fol.* 118 tal-process.

li fil-mument meta sar tali ftehim l-attur kien konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rapprezentanza ta' socjeta' u mhux tieghu innifsu.

8. Fis-sentenza **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna**, deciza fis-27 ta' April 1992, il-Qorti tal-Kummerc[6] irriteniet hekk:

> *"Illi hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*
>
> *Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;*
>
> *Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintniznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato No. 50) citata fil-kollez. Vol. XLII-II-P. 203). Inoltre, ghandu jigi rilevat li l-ligi tezigi (art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede;"*

9. Il-Qorti tinnota li fil-kaz odjern, ghajr ghax-xhieda tal-konvenut innifsu, ma ngabet l-ebda prova li fiz-zmien meta l-attur tqabbad sabiex jaghmel ix-xogholijiet in kwistjoni, l-ordnijiet kienu qeghdin isiru ghan-nom tas-socjeta' li topera jew tiggestixxi l-*Private Gentlemen's Club.* Fil-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet permezz tal-*emails*, dawn dejjem intbaghtu minn fuq l-indirizz elettroniku personali tal-konvenut, u l-konvenut ma ta l-ebda indikazzjoni li kien qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta' xi socjeta' partikolari li allegatament kienet tiggestixxi l-*Private Gentlemen's Club*. F'dan il-kaz la giet esebita kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' din l-allegata socjeta', u lanqas tressqu d-diretturi u/jew l-azzjonisti taghha sabiex jixhdu dwar din il-kwistjoni. Il-konvenut lanqas esebixxa kopji tac-cekkijiet li bihom kien hallas lill-attur akkont tas-servizzi li kienu qeghdin jigu provduti mill-attur.

[6] *Per* Imhallef Joseph D. Camilleri

10. Minn naha l-ohra l-attur dejjem kien konsistenti fil-verzjoni tieghu li l-konvenut kien jghidlu li l-*Private Gentleman's Club* huwa tieghu. L-attur spjega li filwaqt li fl-ordnijiet maghmula ghal *clubs* ohra huwa kien ikun jaf li l-inkarigu kien qieghed jinghatalu mill-konvenut ghan-nom tas-socjeta' li kienet tiggestixxi dak il-*club* partikolari, ghal dak li jirrigwarda l-*Private Gentlemen's Club* il-konvenut dejjem kien jghidlu li dan il-*club* kien tieghu. L-attur jinsisti li l-konvenut qatt ma tah struzzjonijiet biex il-fatturi johorgu f'isem xi socjeta' partikolari.

11. Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni maghmula mill-abbli avukat difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni u cioe' li fuq il-fatturi in kwistjoni ma hemmx indikat isem il-konvenut, il-Qorti hija tal-konsiderata fehema li dan il-fatt wahdu ma jilliberax lill-konvenut mill-obbligi tieghu. Fuq dawn il-fatturi hemm indikat *Private Gentlemen's Club* li mill-atti processwali ma jirrizultax li hija persuna guridika kostitwita' skond il-ligi. Mill-provi prodotti huwa evidenti li l-attur ma kienx konsapevoli li kien hemm socjeta' involuta fil-gestjoni ta' dan il-club u ghalhekk kien jindika *Private Gentlemen's Club* fuq dawn il-fatturi biex jiddistingwi kont minn iehor.

12. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova li hu kien informa b'mod car lill-attur li huwa kien qieghed jikkontratta f'isem socjeta' u mhux f'ismu personalment. Mis-suespost huwa car li l-konvenut naqas milli jipprova dan u li l-attur kien gustifikat li jemmen li huwa kien qieghed jikkontratta mal-konvenut personalment. Konsegwentement, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*<u>Il-Mertu</u>*

13. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' somma rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti u servizzi provduti u konsenjati lill-konvenut.

14. Fil-mertu, il-konvenut jilqa' ghal din it-talba billi permezz tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tieghu, jecepixxi li l-attur irid jipprova li l-prodotti u s-servizzi in kwistjoni gew fil-fatt ordnati minnu u kkonsenjati lilu. Ir-raba' eccezzjoni hija wahda generali fis-sens li l-konvenut jecepixxi li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

15. In sostenn tat-talba tieghu, l-attur esebixxa *sample* tal-prodotti li kienu jigu kkonsenjati lill-konvenut u spjega li minn kull *bundle* li kien jigi prodott huwa dejjem kien izomm kopja. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega kif kull wahda minn dawn is-*samples* tikkorrispondi ghall-*job number* indikat fil-fatturi relattivi.[7] Dennis Farrugia ikkonferma li huwa jahdem ma' l-attur fejn kien jaghmel xoghol ta' *printing* u spjega kif meta x-xoghol kien ikun lest, huwa kien icempel lill-konvenut u jikkonsenjalu l-prodott.[8]

16. Il-konvenut jilmenta li certu xogholijiet indikati fil-kont u fil-fatturi esebiti mill-attur ma kienux gew ordnati minnu.[9] Fix-xhieda tieghu jispjega din il-kontestazzjoni fis-sens li minkejja li kien hemm xi grafika li setghet giet diskussa mal-attur fil-laqghat li kien ikollhom bejniethom, dan ma jfissirx li dak il-prodott ikun eventwalment gie ordnat. In oltre, jilmenta ukoll li kien hemm xi xogholijiet indikati f'dawn il-fatturi li ma setghax jivverifika jekk dak il-prodott kienx gie ikkonsenjat jew le, u dan stante t-trapass taz-zmien.

17. F'dan ir-rigward fix-xhieda taghhom kemm l-attur u kif ukoll Dennis Farrugia spjegaw li l-konsenja tal-materjal kienet issir direttament lill-konvenut fil-*Private Gentlemen's Club* u li f'dawk il-ftit okkazzjonijiet meta l-konvenut ma kienx ikun prezenti fil-*club*, huma kienu jcemplulu u kien ikun l-istess konvenut li kien itihom l-istruzzjoni biex il-materjal jithalla mal-impjegati tieghu. Din il-verzjoni ma gietx kontradetta mill-konvenut u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhix raguni ghalfejn tiskarta tali verzjoni. Mill-provi jirrizulta li bejn l-attur u l-konvenut kien hemm relazzjoni ta' hbiberija u li dawn kienu ilhom jafu lil xulxin u jahdmu flimkien ghal diversi snin. Il-fatt li l-attur ma kienx juza s-sistema ta' *delivery notes* ma huwiex kontestat mill-konvenut. In oltre, dan il-fatt wahdu ma jfissirx illi dawn il-prodotti u servizzi fil-fatt ma gewx konsenjati, tant li matul l-andament tax-xogholijiet il-konvenut kien wettaq tlett pagamenti akkont. Dawn il-pagamenti akkont ikomplu jikkonfermaw li l-attur kien effettivament qieghed jipprovdi s-servizzi tieghu u jikkonsenja l-prodotti, ghaliex li kieku ma kienx hekk, il-konvenut ma kienx ser jaghmel tali pagamenti.

---

[7] Ara x-xhieda tal-attur a *fol.* 26 u s-samples immarkati komplessivament bhala Dok RA3 a *fol.* 62 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' Dennis Farrugia a *fol.*30 tal-process.
[9] Ara l-kont u l-fatturi relattivi immarkati bhala Dok RA2 a *fol.* 47 tal-process.

18. B'referenza ghal hekk imsejjha *funny money* u l-allegazzjoni li dawn ma kienux gew ordnati mill-konvenut ghaliex (i) fuqhom ma jidhirx il-*logo* tal-*Private Gentlemen's Club* u (ii) il-materjal uzat ma kienx bhal dak esebit mill-attur, il-Qorti tqis li din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata. Il-konvenut la esebixxa kopja tal-materjal li effettivament gie uzat bhala *funny money* fil-*Private Gentlemen's Club* u lanqas provi dokumentarji li juru li ghal dan il-materjal huwa kien inkariga lil terzi u mhux lill-attur. Bl-istess mod lanqas gew prodotti xhieda ohra, bhal ma setghu ikunu impjegati fil-*Private Gentlemen's Club,* sabiex jikkonfermaw dak allegat mill-konvenut u cioe' li l-prodotti in kwistjoni ma ntuzax fil-*club*.

19. B'referenza mbaghad ghall-allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm xi xoghol li gie kkonsenjat tard mill-attur u li ghalhekk ma setghax jintuza, il-Qorti tqis li lanqas din l-allegazzjoni ma giet ippruvata. Fl-atti ma giet prodotta ebda prova li tikkorrabora din l-allegazzjoni, bhal per ezempju korrispondenza bejnu u l-attur li fiha huwa kien qieghed jilmenta dwar dan. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, il-Qorti tqis li dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenut baqghu ma gewx ippruvati.

20. In vista tas-suespost, din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi mill-assjem tal-provi jirrizulta bic-car li l-konvenut kien ordna l-prodotti u s-servizzi in kwistjoni u li dawn gew ikkonsenjati lilu. Konsegwentement it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut ser jigu michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef u erba' Euro u wiehed u sittin centezmu (€5,004.61), bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Jannar 2013, data tan-notifika tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**